**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 38**

**Data:** **24 ta' Frar, 2022**

**Hin:** **3.30pm**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

38.1 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements

38.2 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**38.1 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements**

38.1.1 Is-Sindku spjega li din il-laqgha giet imsejha b'urgenza sabiex jigu approvati l-unaudited financial statements kif mitlub bil-ligi. Huwa spjega li kif jidher din il-Kunsill ser johrog tajjeb hafna u jidher li ghad baqa'il-fuq min €100,000 peress li kien hemm xogholijiet ma sarux minhabba l-covid. Huwa zied jghid li kif diga gie spjegat precedentament kien hemm lista ta' progetti li jsiru jsiru u ghaldaqstant il-flus qeghdin hemm biex dawn il-progetti jitwettqu. Inkluz ma dawn kien hemm ukoll xi skemi. Tkompliet id-diskussjoni fejn is-Sindku qal li dawn l-unaudited financial statements kien iridu jghaddu minn l-awditur tal-gvern. Is-Sindku spjega

ukoll dak li kien ser jinkludi fih il-budget ta' din is-sena kif ukoll x'kienet l-allokazzjoni finanzjarja ta' din is-sena. Il-Kunsill approva dawn id-dokumenti unanimament.

38.1.2 Is-Sindku spjega li iktar kmieni dalghodu sid ta' propjeta' li ser tinbena fi Triq Birbuba (parti dejqa) talab lill-Kunsill sabiex jaghti 'no objection' ghall-applikazzjoni tieghu. Is-Sindku qal li din mhux normali li ssir pero' huwa ssugerixxa li peress li meta giet diskussa l-applikazzjoni ma kienx hemm oggezzjoni l-Kunsill seta' jirreferi ghal dik il-laqgha u jghid li ma kienetx instabet ebda' oggezzjoni. Il-Kunsill qabel li ghanda tinhareg ittra f' dan is-sens.

38.1.3 Is-Sindku rrefera ghall-offerta tal-Meeting Hub fejn spjega li dawn kienu miftuha u li kien hemm zewg offerti. Huwa qal li ser jiltaqa' l-board sabiex jiddiskuti dawn l-offerti u kif gie maqbul waqt il-laqgha precedentament peress li z-zmien ta' tlestija huwa kontrina ser imexxu bl-award jekk ikun kollox elegibbli. Il-Kunsill rega' ikkonferma d-decizjoni precedenti tieghu u qabel li l-Kunsill ghandu jmexxi jekk ikun kollox elegibbli biex ma jintilifx zmien prezjuz.

38.1.4 Is-Sindku qal li kien gie avvicinat mill-community police ta' l-Gharb fejn kien spjega li ser tkun qeghda ssir attivita' fl-1 ta' Mejju fil-Pjazza ta' l-Gharb mit-8.30am 'il quddiem. Din il-materja kienet ser terga' tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

**38.2 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

38.2.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm 22 ta' Marzu fit-8.30am.

37.2.2 Il-laqgha spiccat fit-3.56pm.

Konfermati minn

**IFFIRMATI**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATI**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv